MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Numru. 13/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Giuseppe Grima bin Emanuel u Giuseppa nee' Apap, imwieled nhar l-1 ta' Jannar, 1932, residenti fil-fond numru 47,
Triq San Gwann Battista, Xewkija, Ghawdex u detentur
tal-karta tal-identita' bin-numru 7032(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Giuseppe Grima li gie akkuzat talli nhar it-30 ta' Settembru, 2009 ghal habta ta' 18:45hrs fi Triq il-Hamrija, Xewkija, Ghawdex;

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBG 225 b'manjiera traskurata u perikoluza;
2. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat ma' mutur bin-numru tar-registrazzjoni KBG 347 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Daniel Portelli;
3. u aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daniel Portelli kif iccertifika Dr. J. Portelli MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi s-sewqan tal-imputat ghalkemm kien wiehed traskurat, izda ma kienx xi wiehed perikoluz. Ghaldaqstant il-Qorti mhux ser tghaddi biex tiskwalifika l-licenzja tas-sewqan tal-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65, 225, 226(1)(b)u 328(c) tal-Kapitolu 9,tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€500) li ghandha tithallas f'ghaxar (10) rati mensili ta' hamsin ewro (€50) il-wahda b'dan illi l-ewwel pagament ikun dovut sal-ahhar ta' April 2011.

Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------